# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI  TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta’ nhar il-Hamis tmienja (8) ta’ Ottubru 2015**

**Rikors Numru 527/10 FDP**

**Mark Portelli**
**(ID 419752)**
**ezercjenti fil-kummerc taht l-isem ta’ Anvil & Forge**

**vs**

**Soren Andreson**
**(ID 582683M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-14 ta' Dicembru 2010 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu is-somma ta' sitt  elef, hames mija u hamsa u disghin Euro u tletin centezmu (€6,595.30) rappresentanti bilanc ta’ prezz akbar dovut minnu ghal xoghol ta’ appalt li twettaq mir-rikorrenti fuq talba ta’ l-intimat.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat illi laqa’ ghal dak mitlub billi qal, l-ewwel u qabel kollox, illi l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ l-artikol 2148 (a) tal-Kap 16 kif ukoll illi l-intimat ma kkuntrattax ma’ l-attur wahdu. Fuq il-meritu, l-intimat sahaq illi x-xoghol espletat ma kienx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk dak mitlub kien infondat fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-affidavit ta’ **Marco Portelli** ippresentat fit 8 ta’ Frar 2012 flimkien ma’ dokumentazzjoni hemm annessa.

Rat ix-xhieda ta’ **Daniel Adjwok**, impjegat mar-rikorrent, moghtija fis 27 ta’ April 2012.

Rat illi fis 27 ta’ April 2012 il-Qorti qabbdet lill-**Perit Edgar Rossignaud** sabiex jaccedi fuq il-post u jirrelata dwar jekk ix-xoghol sarx skond is-sengha u l-arti.

Rat illi fl-1 ta’ Marzu 2013 il-Perit Edgar Rossignaud ippresenta u halef ir-rapport tieghu.

Rat ir-risposti in eskussjoni bil-miktub tal-Perit Edgar Rossignaud ghal domandi tar-rikorrent ippresentat fil 11 ta’ Dicembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Mark Portelli** moghtija fit 28 ta' Marzu 2014.

Rat illi fit 28 ta' Marzu 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Soren Andersen** moghtija fit 23 ta' Mejju 2014 kif ukoll rat id-dokumenti minnu esebit, ossija il-quote illi kienet inghatalu mir-rikorrent ghax-xoghol meritu tal-kawza odjerna u il-pagament, ossija deposit, illi l-intimat kien ghamel lir-rikorrent.

Semghet il-kontro ezami ta' Mark Portelli moghtija fit 12 ta' Frar 2015.

Semghet il-kontro ezami ta' Soren Andresen moghtija fit 12 ta' Marzu 2015.

Rat illi fit 12 ta' Marzu 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat is-sottomissjoni tar-rikorrent ippresentat fl-4 ta' Gunju 2015.

Rat is-sottomissjoni ta' l-intimat ippresentat fl-20 ta' Lulju 2015.

Rat illi fit 13 ta' Lulju 2015 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi qabel ma l-intimat izzewweg, f'Awissu tas-sena 2007, huwa kien qieghed jaghmel xogholijiet fid-dar tieghu, illi sussegwentement saret id-dar matrimonjali, u dahal fi ftehim mar-rikorrent sabiex jinstallalu tarag tal hgieg fuq tarag esistenti tal-konkos, liema tarag kellhom jigu installati fil-periodu illi l-intimat kien imsiefer wara it-tieg tieghu.

Jirrizulta illi fis 17 ta' Jannar 2008, r-rikorrent hareg stima lill-intimat ghax-xoghljliet kollha, l tidher a fol 65 tal-process, liema stima tghid illi l-valur kollu tax-xogholijiet kellu jiswa tmient elef u mitt Euro (€8,100)

Jirrizulta illi bhala parti mill-ftehim, f'Jannar tas-sena 2008, l-intimat hallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u erbghin Euro (€3,240), kif jirrizulta mill-istess dokumenti fuq imsemmi.

Jirrizulta illi f'Marzu tas-sena 2008 ir-rikorrent mar fil-fond ta' l-intimat, kejjel ix-xoghol illi kellu jaghmel u f'Lulju 2008, meta zzewweg l-intimat, huwa beda x-xoghlijiet tat-tqieghid tat-tarag.

Jirrizulta illi f'Lulju tas-sena 2008, ir-rikorrent beda ix-xoghlijiet izda ma lestihomx kollha, u kien biss f'Jannar tas-sena 2009 illi x-xoghlijliet kollha kienu lesti.

Jirrizulta illi hekk kif lesta x-xoghlijiet kollha, l-intimat intebah illi kien hemm certi difetti fix-xoghol illi kien sar, fosthom illi kien hemm pedati tal- hgieg mhux imwahhlin l-istess, pedati tal-hgieg ohra illi kienu qed jinqalghu, kif ukoll problemi relatati ma' l-injam li gie installat mal-hitan tat-tarag u problemi ohra fil-poggaman ta' l-istainless steel illi kien gie installat.

Jirrizulta illi l-partijiet iltaqghu sabiex jippruvaw isolvu l-kwistjoni izda ma sabux ftehim u ghalhekk il-kawza spiccat giet intavolata kontra l-intimat fl-14 ta' Dicembru 2010.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, fis 27 ta' April 2012, appuntat lill-Perit Edgar Rossignaud sabiex jassistiha fuq l-aspett tekniku, ossija sabiex jistabilixx unikament jekk ix-xoghl sarx skond is-sengha u l-arti.

Fit 3 ta' Dicembru 2012, il-Perit Rossignaud ippresenta u halef ir-rapport, li fih ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"1. Il-pedati tal-hgieg ma humiex imwahhlin bl-ebda mod permanenti mat-tarag tal-konkos izda huma biss pogguti. MInhabba f'hekk, huwa facili li dawn il-folji tal-hgieg jersqu waqt li wiehed jkun niezel jew tiela t-tarag, u jekk wiehed jirfes fit-tarf tat-targa, hemm possibbilta' li l-folja tinqata' minn naha ta' wara. Dana jista jikkostitwixxi perikolu serju ghal min ikun qed juza t-tarag, u certament li mhuwiex skond is-sengha u l-arti.*
>
> *2. Dawn l-istess folji tal-hgieg ghandhom sporgenza l-barra mill-wieqfa tat-tarag li mhijiex konsistenti fit-turgien kollha u dan jitqies bhala difett ghax is-sengha titlob li jkun hemm sporgenza indaqs f'kull targa.*
>
> *3. Uhud minn dawn il-folji tal-hgieg ghandhom il-kantunieri ta' barra kwadrati u ohrajn, ghal xi raguni, gew ittundjati. Is-sengha titolob konsistenza fid-dettall tad-disinn u ma narax raguni ghaliex dawn ma sarux kollha l-istess.*
>
> *4. Il-poggaman tal-istainless steel mhuwiex rigidu u soggett ghall-caqliq meta wiehed jistrieh mieghu.*
>
> *5. Hemm nuqqas ta' finishing tajjeb fid-dettall, f'dak li jirrigwarda l-istainless steel edging fil-landing ta' fuq, kif ukoll fi bnadi fejn tieqaf it-tlibbisa bl-injam mal-gemb tat-tarag."*

L-istess Perit Tekniku, fil-konkluzjonjiet tieghu qal is-segwenti:

> *"il-Perit Tekniku hawn inkarigat mill-Onorabbli Qorti, wra li ha kunsiderazzjoni ta' dankollu hawn fuq miktub, jikkonkludi li, ghalkemm l-ezekuzzjoni ta' certi partijiet tax-xoghol, partikolarment il-fatt li l-pedati tal-hgieg huma soggetti li jinqalghu minn posthom waqt l-uzu, ma jistghux jigu msajjha bhala skond is-sengha u l-arti, mill-banda l-ohra, certu nuqqasijiet, bhal poggaman li mhux imwahhal sew jew finishing madwar it-tlibbisa bl-injam, jistghu facilment jigu rimedjati".*

Jirrizulta illi r-rikorrent ghamel domandi in eskussjoni lill-Perit Tekniku lill-Perit illi kkonferma il-konkluzjonjiet tieghu filwaqt illi gharraf lill-Qorti li l-pedati tal-hgieg tqieghdu fuq sistema ta' 'neoprene gasket' li, minnu nniffsu, jorbot il-hgieg, filwaqt illi sahaq illi tali sistema, ghalkemm utilizzata anke f'positjiet pubblici, kif imqieghed seta jwassal sabiex il-pedati jinqalghu, bil-konsegwenzi illi dawna jista jkollhom.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-konkluzjonijiet tal-Perit imqabbad mill-Qorti kienu cari bizzejjed fis-sens illi jirrizulta illi fix-xoghol illi ghamel ir-rikorrent, kien hemm affarjiet illi ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Jirrizulta wkoll illi l-intimat kien qabbad lir-rikorrent sabiex jaghmel il-hgieg bil 'neoprene gasket' sabiex f'kaz illi jingirfu, huwa jkun jista jaqlaghhom u jdawwarhom.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent, rinfaccjat bil-problema tal-'neoprene gasket', gharraf lill-intimat illi s-soluzzjoni illi kellu jaghmel kienet illi jorbothom bis-'silicone', li ghalkemm kienet soluzzjoni vijabbli, ma kienetx is-soluzzjoni illi ghaliha kien ser hallas l-intimat kif stqarr l-istess intimat.

Jirrizulta ghalhekk illi hemm lok illi l-intimat jigi kkumpensat tal fatt illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Jirrizulta wkoll illi fost id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent, huwa esebixxa proforma invoce ghal xoghlijelt ohra mhux relatati max-xoghol tat-tarag, li ggib id-data tas 27 ta' Jannar 2009. Jirrizulta illi mkien fix-xhieda tar-rikorrent ma jissemmew tali xoghlijilet u/jew tali kont, u ghalhekk il-Qorti mhiex ser tiehu konjizzjoni ta' tali kont u ser tikkunsidra biss il-kont datat 17 ta' Jannar 2008 esebit mir-rikorrent a fol 18 u dan ippresentat mill-intimat a fol 65.

Jirrizulta illi bejn il-kont ippresentat mir-rikorrent a fol 18 u il-kont ippresentat mill-intimat a fol 65 hemm diskrepanza u dana fis-sens illi il-kont ippresentat mir-rikorrent jindika kont totali ta' €9,835.30, filwaqt illi l-kont esebit mill-intimat juri kont ta' €8,100 illi minnu kien thallas €3240 u li kien fadal bilanc ta' €4860 x'jithallas.

Il-Qorti ma ghandha ebda raguni illi tiddubita l-veracita' tad-dokument ippresentat mill-intimat a fol 65 tal-process, u dana anke in vista tal-fatt illi r-rikorrent, illi xehed wara illi gie ippresentat tali dokument, ma ghamel ebda accenn li tali dokument kien falz u li ghalhekk kien qieghed jikkontestah. Tali nuqqas da' parte tar-rikorrent jaghti x'jifhem lill-Qorti illi d-dokument huwa wiehed genwin u li ghandu jigi accettat.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, kif gia irrilevat aktar 'l fuq, ikkondkludiet illi in vista tal-fatt illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, l-intimat kellu jigi kumpensat ta' tali nuqqasijiet. Madanakollu, il-Qorti tirrileva wkoll illi dana ma jfissirx illi l-kont pendenti kollha lir-rikorrent ma ghandhux jithallas, peress illi attwalment l-intimat zamm it-tarag illi gie installat mir-rikorrent u ghandu qieghed jaghmel uzu minnu sal-gurnata ta' illum.

Il-fatt hu illi l-intimat ma huwiex kuntent bix-xoghol illi ghamel ir-rikorrent, fatt illi gie kkonfermat anke mill-Perit imqabbad mill-Qorti, u ghalhekk ikun gust u ekwu illi parti mis-somma dovuta lir-rikorrent tigi mnaqqsa sabiex jaghmel tajjeb ghall tali nuqqasijiet.

Jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita mill-intimat illi l-bilanc dovut, u mhux kkontestat mir-rikorrent, huwa ta' €4,860.

Il-Qorti, animo boni viri, sejjra tillikwida l-kumpens dovut lill-intimat ghax-xoghol mhux skond is-sengha u l-arti fis-somma ta' €1,360.

Ghalhekk, imaqqas tali kumpens stabblit minndina l-Qorti, s-somma illi ghadha dovuta mill-intimat lir-rikorrenti ghandha tkun ta' €3,500.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Rat il-provi kollha imressqa,

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tilqa** ir-raba eccezzjonijiet limitatament kif gia spjegat aktar ‘l fuq filwaqt illi **tichad** l-eccezzjoni ‘l-ohra kollha.

**Tilqa** t-talba attrici limitatament fis-sens illi tillikwida s-somma dovuta lir-rikorrent mill-intimat fis-somma komplessiva ta’ tlett elef u hames mitt Euro (€3500), u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef u hames mitt Euro (€3,500) bhala bilanc dovut ghax-xoghol ta’ appalt illi sar mir-rikorrent fid-dar ta’ l-intimat.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikunu pagabbli mill-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**